# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-13 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 248/2018**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**Paul Ross**
**(K.I. 268875 (M))**

**vs.**

**Glen Cachia**
**(K.I. 448693 (M))**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha, (ara foll 1 u 7), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti;

2.4. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Tirrileva li ghalkemm debitament notifikat bid-digriet fuq riferit u bl-avviz tas-smigh, l-intimat ghazel li ma jirrispondiex ghar-rikors promotur;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5. Illi essenzjalment, l-iskop ta' talba ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li tintavola din it-talba;

6.0. Illi biex tali talba tirnexxi jinhtieg li r-rikorrenti jistabbilixxi s-segwenti:

6.1. Illi l-imsemmi mandat hu mehtieg biex jittutela d-drittijiet minnu pretizi; u

6.2. Illi jkun jidher li ghandu dawk id-drittijiet ta' lanqas *in prima facie*;

7. Illi l-ezistenza *in prima facie* ta' dawn id-drittijiet ghandha tirrizulta b'mod oggettiv u mhux soggettivament tiddependi mid-diskrezzjoni ta' gudikant;

8. Illi konsegwentement, dawn id-drittijiet jew jidhru mad-daqqa t'ghajn, jew ma jezistux;

9. Illi di piu` l-imsemmija zewg (2) rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi;

10. Illi ghalhekk, jekk wiehed minn dawn ir-rekwiziti ma jirrizultawx il-qorti ghandha tirrespingi t-talba mressqa quddiema;

11. Illi jigi wkoll ribadit li din il-procedura hi wahda ta' natura sommarja *stante* li hawnhekk mhux mistenni f'dan l-istadju li jitressaq kull ma jmissu jitressaq waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd;

12. Illi jinghad li tali rikors hu effettivament procedura eccezzjonali;

13. Illi jigi sottolineat li l-fatt li talba ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni tigi milqugha, dan ma jfissirx li d-dritt koncernat ikun ipprovat;

14. Illi lanqas ma ifisser li jekk l-istess talba tigi respinta, allura l-jedd ikkoncernat ma jezistix;

Ikkunsidrat:

15. Illi minn ezami tar-rikors guramentat promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti ghandu dritt *in prima facie* x'jigi ikkawtelat;

16. Illi dan qed jinghad ghaliex ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda dokument jew prova oggettiva li jwassal lil din il-qorti tikkonkludi li *in prima facie* jezisti d-dritt pretiz minnu;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi in vista tal-premess hi l-fehma tal-qorti li ma jezistux ir-rekwiziti rikjesti mill-ligi ghall-hrug tal-mandat *de quo*, u dan, ghaliex ma jirrizultax li r-rikorrenti ghandu xi dritt *in prima facie* x'jittutela, u konsegwentement:

**DECIDE:**

17.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

17.2. Tirrevoka *contrario imperio* d-digiret provizorju precedenti taghha;

17.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**